**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 288/2017PA**

**GO plc**
**vs**

**Luppitar International Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, disa' mija, tmienja u tletin Ewro, u sbatax ċenteżmu (€1,938.17ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 540508411, wara li s-soċjeta' konvenuta, interpellata diversi drabi biex tgħaddi għal ħlas, baqgħet inadempjenti, bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 976/16 u bl-imgħax mis-6 ta' Ġunju 2016 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A'); estratt mir-Reġistru tal-Kumpaniji bid-dettalji tas-soċjeta' konvenuta (Dok.'B1' sa 'B2'); ċertifikat ta' amalgamazzjoni tas-soċjeta' Mobisle Communications Limited fis-soċjeta' attriċi (Dok.'B3'); kopja tal-kuntratt bejn il-kontendenti (Dok.'B4'), u kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 976/16 (Dok.'Ċ').

Ra li s-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi kkonfermat bil-ġurament tagħha li l-ħlas mitlub mis-soċjeta' attriċi għadu dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, disa' mija, tmienja u tletin Ewro, u sbatax ċenteżmu (€1,938.17ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**